# Is-Surmast Ġużeppi Caruana u l-Belt tal-Isla

Mro. Raymond Attard



Żgur u mingħajr l-ebda dubju wieħed mill-aktar innijiet li huwa tant għal qalbna s-Sengleani huwa l-innu li nkiteb għall-okkażjoni storika, sabiħa u solenni tal-inkurazzjoni ta' Marija Bambina li seħħet fix-xatt sabiħ li għandna f'belt twelidna, nhar l-4 ta' Settembru 1921, fost il-ferħ mhux tal-belt Senglea biss imma tal-poplu Malti u Għawdxi kollu. Tajjeb għalhekk li nisimgħuh u nkantawh fl-okkażjoni tal-festa solenni li aħna bħala belt u bħala parroċċa Bażilika u santwarju norganizzaw ta' kull sena f'ġieħ il-maħbuba u patruna tagħna Marija Bambina.

Innu miktub minn żewġ awturi, is-surmast Ġużeppi Caruana u l-poeta nazzjonali Dun Karm Psaila. Lil Dun Karm qrajna spiss dwaru, iżda min kien is-surmast Ġużeppi Caruana?


INNU LIL BAMBINA
(FIL-JUM TA' INCORONAZZJONI TAGĦHA)
Versi ta'
DUN KARM
Musika ta'
GIUSEPPE CARUANA


1.
Issa ntemmet ix-xewqa ta' qalbna:
Bil-kuruna fuq rasek rajnik!
Int ħabbejtna, ja Tfajla tas-Sema;
Imħabbitna, o Rebbieħa, tajnik.
RITORNELLO
Issa ntemmet ix-xewqa ta' qalbna:
Bil-kuruna fuq rasek rajnik!

2.
Issa ntemmet ix-xewqa ta' qalbna:
Bil-kuruna fuq rasek rajnik!
Fit-taqbida mal Faħxi, maż-Żieni,
F'widnejn ħutna titkellem smajnik.
RIT: Issa ntemmet eċċ. eċċ.

3.
Issa ntemmet ix-xewqa ta' qalbna:
Bil-kuruna fuq rasek rajnik!
Fuq il-qabar ta' ħutna li xehdu
Tal-ġieħ tagħna għassiesa qegħdnik.
RIT: Issa ntemmet eċċ. eċċ.

4.
Issa ntemmet ix-xewqa ta' qalbna:
Bil-kuruna fuq rasek rajnik!
Inti Ħelwa, Int Sabiħa, Int Ħanina:
Għalhekk b'Ommna, Int taf, għażilnik.
RIT: Issa ntemmet eċċ. eċċ.

5.
Issa ntemmet ix-xewqa ta' qalbna:
Bil-kuruna fuq rasek rajnik!
Minn kull ħażen li jisraq il-paċi,
J'Omm ħarisna; hekk dejjem tlabnik.
RIT: Issa ntemmet eċċ. eċċ.

62

L-Innu tal-Inkurunazzjoni
"Issa Ntemmet ix-Xewqa ta' Qalbna".


**Mro. Ġużeppi Caruana (1880 – 1931).**

Ħajjet is-surmast Ġużeppi Caruana kienet waħda sabiħa u nteressanti ħafna. Għalkemm għex ħajja qasira, ta' 51 sena biss, però laħaq ħallielna wirt sabiħ u patrimonju kbir ta' mużika sagra liturġika. Biżżejjed insemmu li fiż-żmien qasir li huwa għex laħaq ħallielna madwar 500 kompożizzjoni li jvarjaw minn quddies, antifoni, 'Tantum Ergo', eċċ.

Is-surmast Ġużeppi Caruana twieled fil-Belt Valletta nhar l-1 ta' Ġunju tal-1880. Ommu kien jisimha Lunzjata Callus u missieru Ċensinu Caruana. Kien l-ewwel tifel tagħhom u għammduh l-għada li twieled, jiġifieri nhar it-2 ta' Ġunju tal-1880, fil-knisja, Bażilika u Matriċi ta' Sidtna Marija tal-Porto Salvo u San Duminku tal-Belt Valletta. Is-saċerdot li għammed lis-surmast Ġużeppi Caruana kien Patri Raymond Falzon O.P.

Is-surmast Ġużeppi Caruana kellu ħutu oħrajn li kien jisimhom Rafel, Duminku u Marija li kienet mietet f'età żgħira ħafna. Ġużeppi, Rafel u Duminku marru jitgħallmu fl-iskola tal-gvern il-Belt Valletta stess, filwaqt li l-fustani u ż-żgħir għaddew għall-Università ta' Malta. Ġużeppi kien qal lil missieru li ried jagħtiha għall-mużika u għalhekk missieru kien bagħtu l-iskola tal-mużika li kienet immexxija mis-surmast Paolino

Vassallo. Kienet l-aħjar u l-aqwa skola tal-mużika li kien hawn Malta f'dawk iż-żminijiet.

Mas-surmast Paolino Vassallo bħala għalliem tiegħu beda jieħu l-lezzjonijiet tal-pjanu, tal-kant, tal-armonija, il-kuntrapunt u l-istrumentazzjoni. Beda juri progress kbir fit-tagħlim tal-mużika. Kellu vuċi ta' tenur mill-aqwa u kien imfittex biex jieħu sehem ma' ħafna korijiet, fosthom il-korijiet immexxija mill-għalliem tiegħu, is-surmast Paolino Vassallo. Minħabba l-karattru ħelu, simpatiku u minn tagħna li kellu, kien miġjub fuq wiċċ l-idejn minn sħabu u mis-surmast tiegħu.

Fost sħabu li kienu studenti miegħu nsibu diversi u tajjeb li nsemmu xi ftit minnhom: Ġużeppi Abdilla li kien mill-Furjana (1881-1944), Patri Dumink Anastasi mill-Belt Valletta (1886-1938), Lorenzo Gonzi mill-Birgu li ħalla ħafna opri għat-Teatru Manoel, Paolo Nani (1814-1904), Carlo Diacono miż-Żejtun (1876-1942) u Josie Mallia Pulverenti (1896-1964). Dawn l-aħħar erbgħa trawwmu mużikalment hawn Malta, imbagħad issoktaw bl-istudji tagħhom f'Napli, Milan u Pariġi.

## Maestro Di Cappella u l-Mużika Sagra Liturġika

Bħala maestro di cappella, is-surmast Ġużeppi Caruana kkompona ħafna xogħlijiet ta' mużika sagra u wieħed mill-isbaħ xogħlijiet bikrin tiegħu huwa l-muttett 'O Del Cielo Gran Regina'. Kif jixhed dan ix-xogħol li kkompona fl-1901 is-surmast kellu devozzjoni kbira lejn il-Madonna. Malli dak li jkun jisma' dan ix-xogħol mill-isbaħ mill-ewwel jintebaħ bil-vina melodjuża li kellu minkejja l-21 sena tiegħu. Id-disinn mill-ewwel jinstema' armonjuż, ċar u għani fil-formazzjoni b'funzjoni mill-aqwa biex isieħeb lill-kant.

Il-kompożizzjonijiet tas-surmast Ġużeppi Caruana huma f'numru kbir mhux ħażin, minkejja l-età żgħira li fiha miet. Kien laħaq ħallielna wirt u patrimonju ta' kważi 500 li jvarjaw minn quddies, antifoni, litaniji, Tantum Ergo, Salve Regina u ħafna aktar.

Però ma' dan ix-xogħol insibu wkoll għadd ġmielu ta' innijiet. Fosthom insibu l-innu ta' filgħodu, l-innu ta' filgħaxija, 'Tina l-Ħlewwa u Qawwi Qlubna', u l-innu uffiċjali tal-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali (1913-2013), 'Fil-Ħlewwa ta' Mejju' fost l-oħrajn.

Is-surmast Ġużeppi Caruana huwa wkoll marbut ma' innijiet fuq bażi parrokkjali. Fosthom insibu l-innu ta' San Filep ta' Ħaż-Żebbuġ, Sant'Elena ta' B'Kara, San Ġużepp tal-Imsida, Lill-Madonna tal-Mellieħa u San Duminku l-Belt Valletta.

Aħna wkoll fil-belt tagħna għandna x-xorti kbira li għandna innu sabiħ u ta' ġieħ f'ġieħ Ommna Marija Bambina fil-jum tal-inkurunazzjoni tagħha li seħħet nhar l-4 ta' Settembru 1921, fix-xatt ta' beltna, eżattament quddiem l-ospizju Sant'Anna minn tliet isqfijiet – l-Arċisqof ta' Malta Dom Mauro Caruana, flimkien mal-



It-tliet isqfijiet li kienu l-protagonisti tal-Inkurunazzjoni.

Isqof Agostinjan Giovanni Maria Camilleri O.S.A. u l-Isqof Dumnikan Angelo Portelli O.P.

Ma tistax tifred lis-surmast Ġużeppi Caruana minn mal-poeta nazzjonali Mons. Dun Karm Psaila. Fil-fatt Dun Karm innifsu mar jagħtina dak li ħassew u talbu missierijietna lil Marija Bambina Inkurunata fil-jum għażiż tal-inkurunazzjoni solenni tagħha.


Il-ġrajja storika tal-Inkurunazzjoni tal-istatwa għażiża ta' Marija Bambina nhar l-4 ta' Settembru 1921 fix-Xatt tal-Isla.

Fost il-versi mill-isbaħ li l-poeta nazzjonali mar jikteb għal dan l-innu lil Marija Bambina nkurunata mar jgħidilha dak li l-poplu Senglean kien qed jgħix u jħoss f'dik il-ġrajja storika u memorabbli:

Issa ntemmet ix-xewqa ta' qalbna,
Bil-kuruna fuq rasek rajnik!
Int ħabbejtna ja tfajla tas-sema,
Imħabbitna o rebbieħa tajnik.

Aktar 'il quddiem f'dan l-innu, jkompli jagħti t-tifsir tiegħu ta' x'ħassew missierijietna f'din il-ġrajja storika:

Fuq il-qabar ta' ħutna li xehdu,
Tal-ġieħ tagħna għassiesa qegħdnik.
Minn kull ħażen li jisraq il-paċi,
J'omm ħarisna hekk dejjem tlabnik.

Ma' dan il-kliem sabiħ tal-poeta nazzjonali, is-surmast Ġużeppi Caruana (1880-1931) mar żejjen dan l-innu bil-ġmiel tal-melodija mużikali. Mhux ta' b'xejn li aħna s-Sengleani ma nixbgħu qatt inkantawh, l-aktar fil-ġurnata għażiża tal-4 ta' Settembru ta' kull sena, fil-mument solenni x'ħin tkun tiela' l-warda tad-deheb f'riġlejn il-vara titulari u s-santwarju nkurunat ta' Marija Bambina u kif ukoll nhar il-festa solenni tat-8 ta' Settembru, waqt il-purċissjoni bis-santwarju nkurunat ta' beltna.

Dan l-innu jindaqq mill-baned mistiedna flimkien ma' innijiet marjani oħrajn, fosthom l-innu sabiħ ħafna wkoll 'AVE MARIS STELLA' li nkiteb ukoll għall-istess okkażjoni u żżanżan ukoll nhar l-4 ta' Settembru 1921 u li tkanta l-ewwel darba mill-patri Dumnikan Tumas Scerri. Innu li għalkemm ma nkitibx mis-surmast Ġużeppi Caruana imma nkiteb mill-għalliem tiegħu, is-surmast Paolino Vassallo.

Il-mewt huwa passaġġ li minnu jrid jgħaddi kulħadd u hekk ukoll is-surmast Ġużeppi Caruana beda jersaq lejn it-tmiem ta' ħajtu.

Is-sajf tas-sena 1931 għaddih bħall-oħrajn, mal-familja u l-ħbieb tiegħu, fil-post li huma kellhom f'San Ġiljan. Iżda f'Settembru tal-istess sena beda jinduna li saħħtu bdiet sejra lura bil-mard. Madankollu xorta waħda baqa' għaddej bl-impenji mużikali tiegħu, xorta baqa' għaddej f'dawk li huma kompożizzjonijiet u t-tagħlim kemm fid-dar tiegħu u kemm fl-iskejjel tal-gvern.

Kiteb innu sabiħ ħafna għall-festa ta' Kristu Re bl-isem oriġinali bit-Taljan 'Re Di Cuori', aktar tard bl-isem 'Qawwi Qlubna', bi kliem ta' Dun Frans Camilleri. Kien Caruana nnifsu li ħa ħsieb il-kunċerti għal dan l-innu bil-kor li kien iffurmat minn tfal, żgħażagħ u seminaristi li



Is-santa tal-mewt tas-Surmast Ġużeppi Caruana.

kellhom jakkumpanjaw lill-bandisti dakinhar tal-festa ta' Kristu Re.

Iżda Ġużeppi Caruana beda jersaq iktar lejn it-tmiem ta' ħajtu, u proprju fil-festa ta' Kristu Re tah attakk qawwi tal-qalb, iżda sa wara nofsinhar kien għaddielu xi ftit.

Mar Putirjal flimkien ma' ibnu Anton biex jisma' għall-ewwel darba dan l-innu li kien ikkompona huwa stess. Il-kant u l-mużika kienu ġejjin mix-Xagħra tal-Furjana, u hekk kif sema' dan l-innu jindaqq, 'il bogħod mill-għagħa tan-nies, infexx jibki u reġa' lura lejn id-dar.

Reġa' beda r-rutina tax-xogħol tas-soltu imma fil-11 ta' Novembru tah attakk tal-qalb ieħor u s-surmast Ġużeppi Caruana kellu jerġa' jitla' fis-sodda. Miet jitlob bil-ħerqa lill-Madonna u waqt li kien qed imut beda jinstema' jgħid "XI ĠMIEL, XI ĠMIEL" u kienu interpretawha li f'dak il-ħin partikolari żgur li kien qed jara lill-Madonna daqs kemm kellu devozzjoni qawwija lejha. Hu miet nhar il-21 ta' Novembru 1931, lejlet il-festa ta' Santa Ċeċilja, patruna tal-mużika u l-mużiċisti, imdawwar mill-familja u l-ħbieb tiegħu.

Referenzi:

Mill-kompożizzjonijiet ta' Giuseppe Caruana (1880-1931) ta' Ġorġ Mifsud Chircop

Bijografiji, kummenti, dokumentazzjoni u partituri tal-aqwa kompożizzjonijiet mużikali ta' wieħed mill-aqwa kompożituri Maltin.

Paul Bonello
Antique Restorer
Mob: 7980 0825
Antique Restoration, French Polishing
Upholstery & Gilding

